Co-funded by the European Union

youthIES

# Training Pack for Youth Workers - ACTIVITIES







friends of the earth malta
Institute of Entrepreneurship Development iED
RESET
réseau tandemplus
Education Agency for Development and Innovation IDEA
SOCIAL ENTERPRISES

**Pakkett ta' Taħriġ għal Persuni li Jaħdmu maż-Żgħażagħ – ATTIVITAJIET**

## Modulu: Intraprenditorija Soċjali

WERREJ


L-1 ATTIVITÀ – WORKSHOP FUQ IL-KUNĊETT TA' INTRAPRENDITORIJA SOĊJALI ..........2
ĦARSA ĠENERALI ....................2
OBJETTIVI TA' TAGĦLIM....................2
STRUZZJONIJIET ....................2
MATERJALI REKWIŻITI....................3
IT-2 ATTIVITÀ –ĦOLQIEN T'IDEAT U INNOVAZZJONI FL-INTRAPRENDITORIJA SOĊJALI ....................4
ĦARSA ĠENERALI ....................4
OBJETTIVI TA' TAGĦLIM....................4
STRUZZJONIJIET ....................4
MATERJALI REKWIŻITI....................5
It-3 ATTIVITÀ –IL-MUDELLAR TAN-NEGOZJI FL-INTRAPRENDITORIJA SOĊJALI ...............6
ĦARSA ĠENERALI ....................6
OBJETTIVI TA' TAGĦLIM....................6
STRUZZJONIJIET ....................6
MATERJALI REKWIŻITI....................7

# L-1 ATTIVITÀ – WORKSHOP FUQ IL-KUNĊETT TA' INTRAPRENDITORIJA SOĊJALI

## ĦARSA ĠENERALI

L-għan ta' din l-attività hu li jinħoloq spazju ta' ħidma biex jippermetti lill-parteċipanti żgħażagħ jitgħallmu l-kunċetti bażiċi tal-intraprenditorija soċjali, kif ukoll l-irwol li dan il-mudell ta' negozju għandu fis-soċjetà. Fl-aħħar, se nistednuhom biex, f'timijiet, jippreżentaw sommarju qasir fuq l-għeruq storiċi u l-iżvilupp tagħha.

## OBJETTIVI TA' TAGĦLIM

- Li takkwista għarfien profond tal-benefiċċji tal-intraprenditorija soċjali bħala għażla li biha tista' twaqqaf negozju li joħloq soċjetà aktar inklussiva.
- Li takkwista ħiliet prattiċi biex tiddibatti sabiex tikkumpara negozju normali kontra intraprenditorija soċjali.
- Tul ta' żmien stmat: 2 sigħat

## STRUZZJONIJIET

<u>L-1 Stadju – Preżentazzjonijiet (30 minuta)</u>

- Aqsam il-parteċipanti f'żewġ gruppi.

- Grupp wieħed se jaħdem abbażi ta' moduli ta' intraprenditorija soċjali u l-aspetti pożittivi tiegħu, filwaqt li l-ieħor se jaħdem fuq l-aspetti negattivi (l-iżvilupp ta' ħiliet ta' sinteżi).

- Kull grupp għandu jagħmel preżentazzjoni simulatorja lill-grupp l-ieħor (l-iżvilupp tal-ħiliet ta' preżentazzjoni pubblika).

<u>It-2 Stadju – Sensiela ta' dibattiti (2*30 minuta)</u>

- Fl-istess gruppi, wieħed għandu jargumenta favur (pros) u l-ieħor jargumenta kontra (cons).

- Kull tim għandu jippreżenta u jiddefendi l-argumenti tagħhom favur l-intraprenditorija soċjali. Dawn jinkludu aspetti bħal impatt soċjali pożittiv, innovazzjoni, sostenibbiltà, u l-involviment tal-komunità.

- Diskussjoni miftuħa: wara l-preżentazzjonijiet, iftaħ id-diskussjoni biex tħalli l-istudenti

jistaqsu mistoqsijiet u joffru kummenti fuq il-pros ippreżentati.

It-3 Stadju – Sintesi u riflessjoni (30 minuta)

- Saqsi mistoqsijiet riflettivi biex tinkoraġġixxi introspezzjoni u biex issaħħaħ l-għarfien tal-materjal studjat.
- Ikkonkludi billi titfa' dawl fuq il-importanza li wieħed jikkunsidra perspettivi differenti fid-dinja tan-negozju u l-intraprenditorija.
- Inkoraġġixxi l-istudenti biex ikomplu jesploraw u jiffurmaw l-opinjonijiet tagħhom.

MATERJALI REKWIŻITI

- Pinen u karti
- Flipchart jew whiteboard
- Aċċess għall-internet (mhux bilfors)

# IT-2 ATTIVITÀ –ĦOLQIEN T'IDEAT U INNOVAZZJONI FL-INTRAPRENDITORIJA SOĊJALI

## ĦARSA ĠENERALI

L-involviment taż-żgħażagħ fl-identifikazzjoni tal-problemi soċjali għall-intraprenditorija soċjali hija eżerċizzju ta' valur għaliex tippromwovi l-ħsieb kritiku u l-għarfien soċjali. Din l-attività ġiet iddefinita sabiex tippromwovi eżerċizzju interattiv u parteċipatorju għaż-żgħażagħ biex jidentifikaw problemi soċjali u jesploraw soluzzjonijiet potenzjali permezz ta' intraprenditorija soċjali.

## OBJETTIVI TA' TAGĦLIM

- Li jissaħħu ż-żgħażagħ biex jidentifikaw u janalizzaw problemi soċjali.
- Li jiġi żviluppat ħsieb kritiku dwar problemi sabiex jiġu ġġenerati ideat għal soluzzjonijiet possibbli għall-intraprenditorija soċjali.
- Tul ta' żmien stmat: Siegħa u nofs.

## STRUZZJONIJIET

<u>L-1 Pass: Introduzzjoni (15-il minuta)</u>

- Irrevedi fil-qosor it-2 kapitlu tal-Modulu tal-Intraprenditorija Soċjali u ffoka fuq l-indirizzar ta' kwistjonijiet soċjali permezz ta' soluzzjonijiet innovattivi.
- Ipprovdi eżempji ta' proġetti ta' intraprenditorija soċjali ta' suċċess biex tispira lill-parteċipanti.

<u>It-2 Pass: Attività t'Icebreaker (10 minuti)</u>

- Agħmel icebreaker ta' malajr biex toħloq atmosfera pożittiva u ta' kollaborazzjoni fost il-parteċipanti. Din tista' tkun f'forma ta' logħba li ssaħħaħ is-sens ta' tim jew sessjoni qasira ta' rakkontar tal-istejjer.

<u>It-3 Pass: Sessjoni ta' Brainstorming – L-Identifikazzjoni ta' Kwistjonijiet Soċjali (20 minuta)</u>

- Aqsam il-parteċipanti fi gruppi żgħar.
- Ipprovdi flip charts jew whiteboards u markers lil kull grupp.
- Saqsi lil kull grup biex jagħmel brainstorming u jagħmel lista ta' kwistjonijiet soċjali li huma josservaw fil-komunità tagħhom jew globalment. Inkoraġġixxihom biex jaħsbu

dwar problemi li jaffettwaw aspetti varji tas-soċjetà, bħall-edukazzjoni, is-saħħa, il-faqar, eċċ.

Ir-4 Pass: Preżentazzjoni fi Grupp (15-il minuta)

- Kull grupp jippreżenta l-kwistjonijiet soċjali identifikati tagħhom lill-grupp kollu.
- Inkoraġġixxi l-gruppi biex jispjegaw għala għażlu dawk il-kwistjonijiet u biex jiddiskutu fil-qosor l-impatt potenzjali li jirriżulta milli wieħed jindirizza dawn il-problemi.

Il-5 Pass: Sessjoni ta' Ħolqien t'Ideat – Soluzzjonijiet tal-Intraprenditorija Soċjali (30 minuta)

- Agħti struzzjonijiet lil kull grupp biex jagħmel brainstorming u jipproponi soluzzjoni ta' intraprenditorija soċjali.
- Inkoraġġixxi l-kreattività u l-innovazzjoni fl-iżvilupp tas-soluzzjonijiet li jistgħu jindirizzaw il-problemi identifikati.
- Iffaċilita diskussjoni fuq is-soluzzjonijiet ippreżentati, iddiskuti l-aspetti b'saħħithom, sfidi potenzjali, u opportunitajiet għal kollaborazzjoni.

MATERJALI REKWIŻITI

- Flip chart jew whiteboards
- Markers
- Sticky notes

## It-3 ATTIVITÀ –IL-MUDELLAR TAN-NEGOZJI FL-INTRAPRENDITORIJA SOĊJALI

### ĦARSA ĠENERALI

Din l-attività tiffoka fuq il-preparazzjoni tal-parteċipanti sabiex ikunu lesti biex jiddefinixxu l-ewwel eżerċizzju tagħhom tal-immudellar ta' negozju għal intrapriżi soċjali. Dan hu mod prattiku kif tgħinhom jifhmu kif joħolqu impriżi sostenibbli u li jħallu impatt.

### OBJETTIVI TA' TAGĦLIM

- Li tintroduċi liż-żgħażagħ għall-kunċett tal-immudellar tan-negozju għall-intraprenditorija soċjali.
- Li tiggwidahom fl-iżvilupp tal-kanvas ta' mudell tan-negozju għall-impriżi tal-impatt soċjali tagħhom.
- Tul ta' żmien stmat: Siegħa u 45 minuta

### STRUZZJONIJIET

<u>L-1 Pass: Introduzzjoni għall-Immudellar tan-Negozji  (15-il minuta)</u>

- Ipprovdi ħarsa ġenerali ta' x'inhu mudell ta' negozju u l-għala huwa kruċjali għall-intrapriżi soċjali.
- Introduċi l-Kanvas ta' Mudell tan-Negozju bħala għodda li biha tagħti struttura u tivviżwalizza komponenti essenzjali ta' mudell tan-negozju. https://en.wikipedia.org/wiki/Business_Model_Canvas

<u>It-2 Pass: Analiżi ta' Studju ta' Każ (60 minuta)</u>

- Ippreżenta studju ta' każ ta' intrapriża soċjali li għamlet suċċess.
- Analizza kif il-mudell ta' negozju tagħhom jikkontribwixxi għall-impatt u s-sostenibbiltà soċjali tagħhom.
- Ipprovdi lil kull grupp karta kbira jew mudell ta' negozju stampat minn template ta' Canva.
- Inkoraġġixxihom biex jaħsbu b'mod kreattiv dwar fluss ta' dħul, sħubijiet, u riżorsi.

<u>It-3 Pass: Riflessjoni u Passi t'Azzjoni (30 minuta)</u>

- Iffaċilita sessjoni ta' riflessjoni fejn il-parteċipanti jaqsmu t-tagħlim u għarfien ewlieni miksub tagħhom.
- Iddiskuti l-passi u l-azzjonijiet potenzjali li jmiss sabiex l-ideat tagħhom jiġu trasformati

f'pjanijiet li jistgħu jitwettqu.

MATERJALI REKWIŻITI:

- Flip chart jew whiteboards
- Markers
- Sticky notes

Co-funded by the European Union

youthIES

**Sħab:**

friends of the earth malta

Institute of Entrepreneurship Development iED

RESET

réseau tandemplus

Education Agency for Development and Innovation IDEA

SOCIAL ENTERPRISES

DIKJARAZZJONI TA' RINUNZJA: Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-veduti tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir minn l-informazzjoni li tinsab fiha [Numru tal-proġett: 2022-2-FR02-KA220-YOU-000099414]